



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 13 ta' April 2012 (17.04)
(OR. en)**

8637/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0390 (CNS)**

**SOC 272
ECOFIN 317
EDUC 86**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti I)/Kunsill
Nru dok. preċ.: 6068/12 SOC 87 ECOFIN 97 EDUC 32 + COR 1	
Nru prop. Cion.: 17736/11 SOC 1045 ECOFIN 835 EDUC 278	
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi - Adozzjoni

1. Fil-25 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi, ibbażata fuq l-Artikolu 148(2) tat-TFUE, fejn tikkunsidra li l-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi kif imniżżel fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 għandhom jinżammu għall-2012¹.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46)

2. Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu dwar il-proposta fil-15 ta' Frar 2012, bi qbil mal-proposta tal-Kummissjoni li jinżammu l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi ta-2010. Il-Kumitat tal-Impjiegi ffinalizza l-Opinjoni tiegħu fil-31 ta' Jannar 2012, billi appoġġa b'mod simili l-proposta tal-Kummissjoni (dok. 5730/12). Il-Kumitat tar-Reġjuni informa lill-Kunsill li huwa ma kienx ser iressaq opinjoni dwar il-proposta (dok. 7714/12).
3. Fis-sessjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2012, il-Kunsill (EPSCO), laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta bl-intendiment li din tiġi kkunsidrata mill-ġdid ladarba jkunu waslu l-opinjonijiet kollha meħtieġa mill-Artikolu 148(2) tat-Trattat u meta l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu jkunu disponibbli.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta l-Opinjoni tiegħu fit-22 ta' Frar 2012.
5. Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu fl-1 u t-2 ta' Marzu 2012, ikkunsidra s-sitwazzjoni tal-impjiegi tal-Unjoni u adotta konklużjonijiet dwar dan.
6. It-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni, kif iffinalizzat mill-Ġuristi Lingwisti, jinsab fid- dokument 7946/12 SOC 214 ECOFIN 275 EDUC 70.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill biex jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 7946/12, bħala punt "A" f'sessjoni li jmiss.